Minuti tal-12 laqgha tas-sitt Kunsill Lokali Gharb li saret nhar il-Gimgha 7 ta' Mejju, 2010. Il-laqgha nbdiet hin 5.40pm.

| Prezenti: | Membri: |
|---|---|
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |
| | Emanuel Muscat |
| | Carmen Vella |

| Ufficjali: | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Joanne Attard |

1. **Approvazzjoni tal-Minuti tal-10 u 11 laqgha.**

1.1 Il-Minuti tal-10 i 11 laqgha gew approvati unanimament u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv bhala dokument korrett.

1.2 Il-Kunsill iddiskuta dwar ir-road humps godda li jridu jsiru fil-parti ta' gewwa ta' Triq Birbuba fejn gie deciz li ghandu jittiehed il-qies taghhom sabiex tingab kwotazzjoni ghalihom minghand Guillaumier.

2. **Progett ta' Wied il-Mielah ERDF 022.**

2.1 Gie spjegat illi iltaqa' il-bord tal-evalwazzjoni li nhatar sabiex jevalwa l-offerti tal-excavation and cleaning u resurfacing of the valley road sabiex ikunu jistghu isiru xogholijiet permezz ta' savings mill-progett ta' Wied il-Mielah. Gie spjegat illi l-bord ghazel l-offerti tar-Road Construction fiz-zewg offerti u din l-ghazla kien ibbazata fuq l-irhas offerta li lahqet il-kriterji amministrattivi u teknici tal-offerta. Il-Kunsill qabel unanimament ma din l-ghazla.

2.2 Gie spjegat illi s-security camera ta' Wied il-Mielah ser tkun tiffunzjona totalment permezz tal-pannelli foto-voltajci. Gie spjegat illi l-camera l-ohra li ser tehel fi Pjazza Gerano u l-information kiosks ser ikunu jiffunzjonaw permezz tal-elettriku pero ser jehlu pannelli fotovoltajci fuq il-bejt tal-berga biex jaghmlu tajjeb ghal CO2 emissions iggenergati mill-cameras u information kiosks.

2.3 Manuel Muscat staqsa dwar applikazzjonijiet tal-Enemalta mehtiega ghal dan l-apparat. Gie spjegat illi iridu jsiru applikazzjonijiet ghall-metres tad-dawl li ser jehlu fil-Pjazza Zjara tal-Madonna mal-faccata tal-propjeta' PN u fi Pjazza Gerano fuq ir-rih tat-telephone box. Il-Kunsill qabel unanimament u gie deciz li fi Pjazza Gerano ghandu jintuza armored wire minhabba sigurta'. Il-Kunsill iddiskuta il-fatt illi jista' jkun mehtieg illi il-kaxxa tal-ittri li hemm fil-pjazza principali ikollha titharrek ftit minhabba l-installazzjoni tal-kiosk. Fi Pjazza Gerano l-information kiosk ghandha tehel qrib it-telephone box.

2.4 Manuel Muscat b'referenza ghall-Minuti tal-11 laqgha, pagna 4 par. 4.3.2 talab kjarifika fir-rigward tal-kisi bit-tarmak fi Pjazza Gerano. Is-Sindku spjega illi dan huwa dak li kien ippjanat fit-tender tal-WSC.

2.5 Is-Sindku spjega illi huwa tkellem mal-WSC dwar il-possibilita' li huma ipoggu il-materjal tal-paving permezz tat-tender taghhom u li ghadha mistennija risposta f'dan ir-rigward.

2.6 Is-Sindku spjega illi it-tenderers li tefghu offerta ghall-pavimentar tal-pjazza gew mitluba sabiex jaghtu specifikazzjonijiet tal-bazi tal-konkrit u l-ghagna li fuqha irid jitpogga il-materjal. Din l-informazzjoni giet mghoddija lill-Perit tal-Kunsill.

2.7 Is-Sindku spjega illi l-WSC ghadhom iridu jaghmlu trinka ohra matul Triq Frenc ta' l-Gharb. Apparti dan il-mejn tal-ilma fadallu sentejn hajja u qed jahsbu jekk dan ghandux jinbidel issa jew inkella izjed 'il quddiem.

2.8 Raymond Cassar qal li huwa importanti li l-Kunsill jiccara l-pozizzjoni tieghu mad-Dipartimenti illi mhux ser ikun permess tqattigh fit-toroq wara li jsir ir-resurfacing.

2.9 Is-Sindku spjega illi l-Perit ippropona illi l-offerta tat-tpoggija tal-materjal tal-paving ghandha tinhareg. Is-Sindku ippropona illi l-Kunsill ghandu jistenna ir-risposta tal-WSC u mbaghad ikun jista' jiddeciedi jekk jinhtiegx li tinhareg l-offerta jew le.

2.10 Is-Sindku spjega illi issir laqgha kull nhar ta' Hamis fuq il-post mal-Ufficjali tal-WSC, kuntrattur ikkoncernat biex ikun koordinat ix-xoghol tar-rising main / progett ta' Wied il-Mielah.

2.11 Gie spjegat illi l-Perit applika ghad-DNO mehtieg sabiex ikunu jistghu jehlu l-information kiosks.

2.12 Il-Kunsill gie aggornat dwar ix-xoghol li ghaddej fuq tehid ta' ritratti, script u dizinn tal-mappa tal-country walk fir-rigward tal-*booklets* u *brochures* bhala parti mill-progett ta' Wied il-Mielah.

2.13 Gie spjegat illi l-kwotazzjonijiet li gew awarded tal-binoculars u l-kiosks kienu jipprovdu ghas-shipping bil-bahar li jiehu perjodu ta' bejn 6-8 gimghat. Is-Sindku ippropona illi sabiex dawn jaslu fil-hin il-Kunsill ghandu jgibhom permezz tal-airmail. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.14 Raymond Cassar staqsa jekk il-kanal tal-ilma fi Triq Frenc ta' l-Gharb jinhtiegx manutenzjoni u jekk hemmx opportunitajiet ta' fondi ewropej biex isiru water culverts.. Is-Sindku spjega illi l-kanal fi Triq Frenc ta' l-Gharb jinhtieg li jsirulu spralli li fil-prezent ma jezistux. Spjega wkoll illi kanali tal-ilma jaqghu taht il-Local Action Group (LAG) illi l-Kunsill huwa parti minnu.

2.15 Is-Sindku fakkar illi ghad hemm pendenti l-applikazzjonijiet tal-Kunsill ghall-fondi ewropej taht mizuri 313 u 323 tar-Rural Development Fund li l-Kunsill ghandu ma nghatax risposta dwarhom.

2.16 Il-Kunsill iddiskuta il-kanal tal-ilma fi Triq il-Madonna tal-Virtut li jinhtieg manutenzjoni u l-kanal tal-ilma fi Triq il-Knisja minn k/m Triq il-Vizitazzjoni sa hdejn l-ex kunvent tas-sorijiet li ghad irid isir. Il-Kunsill qabel li jaghmel talba lill-Ministeru ghal Ghawdex biex isir ix-xoghol mehtieg fuq dawn il-kanali peress li dan ix-xoghol jaqa' taht ir-responsabilita' tal-Gvern Centrali.

2.17 Manuel Muscat staqsa jekk kinux approvati iktar hitan tas-sejjieh. Is-Sindku spjega illi le, filwaqt li kienu approvati aktar xogholijiet fir-rigward ta' tindif u skavar u resurfacing.

2.18 Is-Sindku spjega illi hija mehtiega aerial photo tal-Gharb u dan is-servizz jista' jinkiseb minghand Victor Mercieca ta' Custom Aerial Photos ghall-prezz ta' €350.00. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.19 Dwar ir-railing tat-tarag f'Wied il-Mielah gie spjegat illi dan ser isir tal-hadid skond il-kwotazzjoni. Il-konsulent tekniku qed jipprova jsib zebgha sabiex il-partijiet li jkunu iwwaldjati jkunu jistghu jinzebhu.

2.20 Gie spjegat illi nghataw ukoll fondi biex issir sea point. Il-Kunsill qabel li ghandhom jinhargu kwotazzjonijiet ghal din l-istruttura ta' l-istainless steel.

2.21 Gie spjegat illi x-xoghol inbeda fuq il-bini tal-valley dams.

2.22 Saret diskussjoni dwar il-bridges. Gie deciz illi l-oghli tal-cint ta' lqugh tal-bridges ghandu jkun ta' filata.

2.23 Gie spjegat illi d-directional signs ghadhom pendenti.

2.24 Manuel Muscat staqsa dwar ir-rampa tal-ingieret. Is-Sindku spjega illi din mhijiex parti mill-progett tal-Kunsill. Li jista' jsir huwa li jinkesa il-hajt bis-sejjieh u r-rampa tigi resurfaced bil-konkos bil-gebel go fih.

2.25 Carmen Vella staqsiet dwar it-tindif tar-rampa ta' Sultana u s-Sindku spjega li din tnaddfet minn xi gebel kbir li kien hemm fiha.

2.26 Il-Kunsill iddiskuta dwar it-toroq ta' San Dimitri u Dahlet Maxwell. Il-Kunsill qabel li jekk ikun possibbli dawn ghandhom jitnaddfu.

3. **Offerti li ghalqu fil-25 ta' Marzu, 2010.**

3.1 Raymond Cassar gibed l-attenzjoni dwar trinka fi Triq San Pietru hdejn Sqaq ta' Gahan li tinhtieg li tinghalaq. Huwa offra li jinghata il-materjal u jiehu hsieb jaghlaqha hu. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.2 Il-Kunsill iddiskuta l-gutter tal-kanal tal-ilma fi Triq Frangisk Portelli, li ghalkemm hija tinsab fi triq arterja izda din il-gutter qed tohloq inkonvenjent lir-residenti numeruzi li juzaw din it-triq. Il-Kunsill qabel li jaghmel talba lill-Ministeru ghal Ghawdex sabiex il-grajjed jinghalqu temporanjament ghas-sajf u jekk ma jkunx hemm respons min naha tal-Ministeru ix-xoghol ghandu jsir direttament mill-Kunsill.

**3.3 Offerta ghall-kiri ta' makkinarju u provvista' ta' materjal.**

Is-Sindku spjega illi wara l-ahhar laqgha saret komunikazzjoni mat-tenderer is-Sur Lawrence Attard dwar l-offerti minnu sottomessi. Gie spjegat illi filwaqt li s-

Sur Attard accetta li jahdem ix-xoghol bil-prezz tat-tender izda huwa irtira l-offerta tal-provvista ta' materjal ta' cold u hot asphalt.

3.4 Raymond Cassar qal illi huwa ma jaqbilx assolutament mal-uzu ta' cold asphalt ghall-patching.

3.5 Wara diskussjoni il-Kunsill qabel mal-principju illi patching isir permezz tal-materjal tal-boroz u ghalhekk gie deciz li ghandha tinhareg offerta ghall-provvista ta' dan it-tip ta' materjal. L-offerta ghall-provvista ta' materjal ta' cold u hot asphalt ghandha tibqa' pendenti.

3.6 Dwar l-offerta tal-provvista tal-konkos il-Kunsill zamm mad-decizjoni mehuda fil-laqgha precedenti izda gie deciz li ghandu jsir testing tal-konkos b'mod random.

3.7 **Offerta ghall-area ta' rikreazzjoni fi Triq Tumas Cassar.** Bhalma gie deciz waqt il-laqgha precedenti intlabet kwotazzjoni ghall-paving tal-belveder fi Triq Tumas Cassar bil-materjal tal-paving skond l-offerta ta' Bugeja Bros. Din il-kwotazzjoni giet trattata izda il-Kunsill ra li hija gholja.

3.8 Saret diskussjoni dwar il-ground tal-futbol fejn qed jitla' il-haxix hazin mir-ramel. Gie spjegat illi wara li ntalbu kwotazzjonijiet, inxtara mutur li jaqta' l-haxix biex il-haddiema assenjati mal-Kunsill ikunu jistghu jaqghtu il-haxix bih. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.9 Il-Kunsill irreveda id-decizjoni mehuda waqt il-laqgha precedenti fejn gie deciz illi l-Kunsill ghandu juza il-fondi mill-iskema UIF ghall-progett ta' rijabilitazzjoni tal-pjazza u l-progett tal-playing field jitwettaq permezz ta' fondi tal-Kunsill.

3.10 Il-Kunsill iddiskuta il-proposta/stedina tal-Kunsill ta' Quadrelle fejn il-Kunsill gie mistieden biex flimkien mal-grupp taz-zfin Ghaqda Dilettanti tal-Karnival jattendi u jiehu sehem attiv fil-festival kulturali Arne Not li ser ikun qed jittella gewwa Quadrelle bejn is-27 u 29 ta' Awissu, 2010. Il-Kunsill accetta din il-proposta u gie deciz li ghandhom isiru l-arrangamenti organizzattivi mehtiega biex tkun tista' ssir din l-inizjattiva. Il-Kunsill iddiskuta dwar ic-celebrazzjoni ta' Jum l-Gharb li jahbat fl-istess zmien tal-festival Arte Not. Il-Kunsill filwaqt li qabel illi din l-inizjattiva tista' titqies bhala wahda mill-inizjattivi ta' Jum l-Gharb 2010. Gie deciz illi c-celebrazzjoni ta' Jum l-Gharb innifsu gewwa l-Gharb ghandha tkun celebrata f'jum iehor possibilment fil-weekend ta' wara.

3.11 Il-Kunsill qabel unanimament li ghandha tintbaghat ittra ta' ringrazzjament lic-cittadin ta' Comunita' Collinare Colli Tortonesi li b'mod kumplimentari ipprovda il-bajd tal-Ghid lit-tfal kollha tal-lokalita'.

3.12Il-Kunsill qabel unanimament li ghandha ssir talba lill-ADT ghal parking bay quddiem l-iskola primarja biex tkun tista' tipparkja il-minibus tal-iskola.

3.13 Il-Kunsill iddiskuta dwar l-aggudikar tat-tender tal-energija. Bhalma gie deciz fil-laqgha precedenti, gew ikkuntattjati l-Ingineera tal-Enemalta biex joqoghdu fuq il-bord tal-evalwazzjoni. Irrizulta li s-servizz taghhom irid jinghata *through* Enemalta u l-prezz huwa ferm oghli. Il-Kunsill ghalhekk qabel li ghandu jigi inkarigat l-Ing. Mario Galea sabiex ihejji rapport lill-Kunsill dwar it-tenders sottomessi.

4. **Ittra ta' direzzjoni ghas-sena finanzjarja li ghalqet 31 ta' Dicembru, 2009.**

4.1 Kopja tal-ittra ta' direzzjoni inghatat lill-membri kollha. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandha issir ir-risposta dwarha.

5. **Approvazzjoni ta' hlasijiet.**

5.1 Il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

6. **Korrispondenza u materji ohra.**

6.1 Raymond Cassar ippropona illi issir harga kulturali gewwa Malta ghall-istudenti tal-Year 6. Il-Kunsill qabel unanimament u data tentattiva ghandha tkun l-20 ta' Mejju. Il-Kap tal-Iskola Primarja Karmni Grima ghandha tigi infurmata b'din il-proposta.

6.2 Il-Kunsill qabel ukoll illi ghandha ssir harga ghall-anzjani.

6.3 Raymond Cassar qal illi l-Kunsill Lokali Swieqi jixtieq li jsiru skambji mal-Gharb. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta li tista' tkun okkazjoni tajba ghall-harga tal-anzjani.

6.4 Is-Sindku stieden ukoll lil Manuel Muscat sabiex jahdem dwar il-proposta li kien ircieva fir-rigward ta' postijiet li tista' ssir zjara fihom meta ssir harga gewwa Malta.

6.5 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-banners bl-arma tal-Kunsill. Gie deciz li ghandha tintalab kwotazzjoni ghall-banners lil Horace Enterprises u ssir reminder lil Gorg Cassar li ga intalab jaghti kwotazzjoni.

6.6 Manuel Muscat ippropona illi jsiru business cards ghall-Kunsilliera u l-istaff tal-Kunsill. Is-Sindku spjega illi ga kienet intalbet kwotazzjoni ghal dan il-ghan.

6.7 Raymond Cassar qal illi l-ismijiet tas-sqaqien li huma maghmulin minn perspex abjad bil-kliem iswed ma jaqblux mal-ambjent. Il-Kunsill qabel li ghandu jalloka fondi biex isiru signs tal-fuhhar. Ghandu jsir ezercizzju biex jigi stabbilit x'tabelli hemm neqsin u jigu ivvutati fondi biex dawn isiru tal-fuhhar.

6.8 Is-Sindku ipprezenta proposta dwar programm ta' attivitajiet tas-Sajf ghat-tfal tal-lokalita', liema proposta tkopri perjodu ta' 10 gimghat. Il-Kunsill qabel illi ghandhom isiru dawn l-attivitajiet u jkunu miftuha ghal studenti minn Year 3 sa 6. Lisa Brooke issuggeriet illi ghandhom jigu mistiedna ghalliema tal-PGSC biex jaghmlu xi sessions kif ukoll ghandha ssir farm visit. Carmen Vella issuggeriet student tas-seminarju li jista' jkun tajjeb ghal dan l-iskop. Ser jigi ikkuntattjat dan l-istudent dwar jekk hux interessat li jaghti dawn il-lezzjonijiet. Raymond Cassar ippropona li bhala parti mill-programm tista' ssir harga f'Popeye Village, harga kulturali gewwa Ghawdex li tista' tinkludi wkoll zjara gewwa l-fabbrika ta' Magro Bros. Manuel Muscat ippropona illi l-hargiet ghandhom ikunu marbuta mal-attendenza ghas-sessjonijiet l-ohra. Il-Kunsill qabel li tkun idea tajba wkoll li l-istudenti jkollhom sessjoni dwar *wine making* u *olive processing*.

6.9 Is-Sindku spjega illi l-Kunsill qed jistenna li jircievi kwotazzjoni ghall-pool minghand Mecca li ghandha tigi trattata fil-laqgha li jmiss.

6.10 Il-Kunsill approva il-programm tal-isports u fitness course li ser ikun organizzat b'fondi mill-isports initiatives scheme.

6.11 Is-Sindku spjega illi fil-prezent hemm miftuha 3 skemi ta' fondi ewropej li jkopru skills, labour market u energy. Gie spjegat li hemm il-possibilita' li l-Kunsilli Lokali kollha jinghaqdu flimkien u ssir applikazzjoni ghall-fondi Ewropej ghad-dwal tat-toroq. Il-Kunsill qabel li ghandu japplika taht dawn l-iskemi bil-ghajnuna tal-MEUSAC.

6.12 Is-Sindku ippropona illi l-Kunsill ghandu jniedi kampanja fil-lokalita' biex ir-residenti jaghmlu efficiency audits fid-djar taghhom. Huwa spjega illi

ikkuntattja lill-MRA sabiex jipprovdu lil xi hadd li jaghmel dawn l-audits. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandu jinhareg avviz f'dan ir-rigward.

6.13 Giet trattata il-korrispondenza mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar l-iskema ta' finanzjament ghal-lokalitajiet sostenibbli fejn il-Kunsill gie approvat is-somma ta' €20000 biex isir studju dwar il-lokalita'. Il-Kunsill qabel unanimament illi jiffirma il-ftehim ta' accettazzjoni ta' dawn il-fondi u li tinhareg l-offerta biex isir dan l-istudju.

6.14 Il-Kunsill qabel unanimament li ghandu jorganizza kors ghal-licenzja tas-sewqan tad-dghajsa. Ghal dan il-ghan ghandu jinhareg avviz fuq il-gazzetti lokali. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob lill-kumpanija li ser taghti it-taghlim skont fuq il-prezz tal-kors peress li dan jiswa aktar minn kors simili.

6.15 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-possibilita' li jigu organizzati korsijiet tal-avjazzjoni.

6.16 Il-Kunsill iddiskuta it-talba ta' Raphael Labro sabiex flus li huwa kien ta' lill-Kunsill b'donazzjoni fl-2007 jergghu jigu rifuzi peress li sigar li kellhom jehlu bis-sehem tal-istudenti ma wehlux. Is-Sindku spjega illi huwa informa lis-Sur Labro illi l-probabilita' hija li s-sigar jehlu ma jdumux. Is-Sindku spjega wkoll li kien hemm tentattivi sabiex is-sigar jehlu. Il-Kunsill ma accettax it-talba ta' Raphael Labro li l-flus jinghataw lura.

6.17 Giet trattata l-korrispondenza segwenti:-

6.18 Mid-Dipartiment Gvern Lokali:-
Ittra datata 8 ta' April, 2010 fir-rigward ta' ghajnuna ghal-librerija li tammonta ghal €466 li minnhom €230 huwa *vouchers* li jissarrfu minghand Merlin Library. Saret diskussjoni dwar il-librerija fejn il-Kunsill qabel li ghandu jaghmel talba dwar il-possibilita' illi l-fondi jintuzaw ghal xkaffar gdid minflok ghal xiri ta' kotba. Is-Sindku ippropona illi ghandu jkun hemm centru ta' kiri ta' DVDs u videos mil-librerija. Is-Sindku spjega illi huwa tkellem mal-liberiji fir-rigward tal-proposta tal-Kunsill illi jaghmel partnership ma kumpanija privata ghal librerija u li dan huwa possibbli fuq kotba godda li jinxtraw b'fondi tal-Kunsill.

6.19 Email datata 4 ta' Mejju dwar il-Haddiema tal-IPSL b'suggeriment sabiex il-Kunsill b'mod volontarju jghaddi l-haddiema assenjati biex jinghaqdu fil-pool. Il-Kunsill qabel li ghandu jzomm il-haddiema u ma qabilx li dawn ghandhom jigu mghoddija lill-pool. Id-Dipartiment ghandu jigi infurmat f'dan ir-rigward.

6.20 l-Kunsill iddiskuta dwar danza tal-karnival ghat-tfal tal-lokalita'. Il-Kunsill qabel illi sabiex jinkoragixxi il-partecipazzjoni diretta tat-tfal tal-lokalita' u l-kultura tal-Karnival fost dawn it-tfal ghandu jaghti is-somma ta' €600 lill-iskola primarja bhala partecipazjoni tat-tfal bid-danza tal-karnival fil-karnival 2011. L-iskola primarja ghandha tigi infurmata b'dan.

6.21 Minghand ClearPrintMalta kwotazzjoni ghat-tabella tixghel bl-arma tal-Kunsill li tiswa €185 + VAT biex tiehu post it-tabella li tkissret. Il-Kunsill qabel unanimament li din ghandha tigi ordnata.

6.22 Korrispondenza minghand il-Kumitat Lejlet Lapsi fir-rigward tan-Notte Gozitana 2010. Il-Kunsill iddiskuta dwar il-partecipazzjoni tal-ghaqdiet lokali f'dan l-avveniment u dwar il-pozizzjoni li ser tkun qed tinghata ghall-istand tal-Kunsill. Gie spjegat illi ser issir laqgha ohra mal-ghaqdiet lokali sabiex jigi diskuss hux ser ikunu qed jiehdu sehem fl-istand tal-Kunsill permezz ta' prodotti tipici jew inkella le.

6.23 Minghand Yellow Pages reklam dwar servizz ta' kreazzjoni ta' websites li joffru.

6.24 Minghand Bank of Valletta fir-rigward tas-Self ghac-Centru Civiku fejn il-Kunsill gie mitlub sabiex jindika jekk ghadux interessat f'dan is-self. Il-Kunsill qabel li jinforma lill-bank li ghadu interessat f'dan is-self u li x-xogholijiet fuq ic-centru civiku ghandhom jibdew.

6.25 Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand il-MEPA:-
Laqghat regolari li bdew isiru bejn il-MEPA u l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.
Irtirar ta' l-Applikazzjoni PA05375/06.
Applikazzjonijiet godda ghall-Peress ta' Zvilupp PA1036/10

6.26 Minghand FECC fir-rigward ta' Newsletter.

6.27 Kwotazzjoni minghand ECB fir-rigward ta' poles sabiex jintuzaw ghal madwar l-Infiorata li tammonta ghal €1161.12. Il-Kunsill qabel unanimament li jinxtraw dawn il-poles.

6.28 Kwotazzjoni minghand Joseph Sammut fir-rigward ta' xoghol ta' manutenzjoni tal-Minipitch ghall-ammont ta' €985.59 eskluz VAT. Il-Kunsill qabel unanimament li dan ix-xoghol ta' manutenzjoni ghandu jsir.

6.29 Minghand Dr. Justyne Caruana fir-rigward ta' kontijiet pendenti li l-Kunsill ma' Country Terrace. Il-Kunsill qabel unanimament li jsir il-hlas dovut wara li jitnaqqas l-ammont ta' sponsorship li Country Terrace fadallu jhallas lill-Kunsill.